KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA
29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt

Minuti tal-laqgħa numru ħamsa u sebgħin (75) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar is-7 ta' Marzu 2017 fis-6.30pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Dr Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Viċi Sindku |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| | Nikolai Farrugia | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**75.01 Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Kienu meħuda b'moqrija il-minuti tas-seduta numru tlieta u sebgħin u erbgħa u sebgħin u dik bin-numru tlieta u sebgħin sarulha dawn il-korrezzjonijiet:
73.02.07 Inqatgħet '6.00pm' u iddaħħlet '6.30pm'.
73.02.08 Iddaħħlu l-kelmiet 'fil-by-pass' bejn 'Malta' u 'issa'.
73.02.09 Iddaħħlu l-kelmiet 'għat-tisqif tal-ġibjun u l-bini fuqu' bejn il-kelma 'proposals' u 'se'
73.03.01 Iddaħħlet il-kelma 'collection' bejn il-kelma 'refuse' u 'li'.
73.03.03 Inqatgħu il-kelmiet 'f'dan il-punt' bejn il-kelma '7.00pm u 'għal-laqgħa'
73.08 Inqatgħu 'jkunu f' u iddaħħlet 'ikopru'
73.09.03 Iddaħħlet il-kelma 'biswit' bejn il-kelmiet 'Ġnien u 'il-ġibjun'
73.09.04 Iddaħħal in-numru '527' bejn il-kelmiet 'numru' u 'minbarra'.
73.09.06 Inqatgħu il-kelmiet 'iqabbad lil ħaddiema jagħmlu manutenzjoni' u iddaħħlu l-kelmiet 'jirreferi l-każ lill-entitatjiet konċernati'.

Dawn tressqu għal vot u għaddew b'mod unanimu.

**75.02 Punti mill-Minuti u mistoqsijiet**

75.02.01 Saret iż-żjara fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin.

75.02.02 Is-Sindku kellmet lill-Perit Matthew Briffa dwar l-asfaltar ta' **Triq George Martin** minn Transport Malta (TM).

75.02.03 Saret il-laqgħa mal-operatur ta' TM dwar il-proposta tal-KLM biex it-***terminus*** **tal-linja** jsir fi Triq il-Qrendi.

**75.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

75.03.01 Dwar il-proġett tal-**Pjazza tal-Knisja** il-KLM iddeċieda illi jikteb lil Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura u nistednuhom sabiex jiġu l-Imqabba u jagħmlu laqgħa mar-residenti u l-pubbliku.

75.03.02 Saret il-laqgħa mar-**residenti ta' Triq Sta Katerina.**

75.03.03Minuti ta' laqgħa oħra li kienu mgħoddija lill-kunsillieri mis-SE kienet dwar il-problemi li qed jinqalgħu mal-kuntrattur tad-dwal tat-toroq, ***Nexos Street Lighting.***

75.03.04 Kien hemm diskussjoni dwar il-format tal-ħarġiet futuri tal-**fuljett**.

75.03.05 Michel Farrugia ppropona illi s-soluzzjoni għal Triq Valletta peress li din qed titħammeġ bir-roti tat-trakkijiet ħerġin mil-barrieri hija li jsiru il-***wheel washing basins.***

75.03.06 Matul il-laqgħa issemma' li mhux qed jitbattlu ir-reċipjenti tal-iskart mil-ġnien biswit il-ġibjun. Hawn is-Sindku qalet illi jinħtieġ illi nsejħu laqgħa mal-kuntrattur ***Environmental Landscapes Consortium***.

75.03.07 Kienet suġġerita **tabella** biex ma jidħlux tfal bil-blalen u *skate boards* fil-ġnien ta' biswit il-ġibjun.

75.03.08 Saret iż-żjara mill-kuntrattur ***Elle's Urban Services*** fuq it-toroq li hemm difetti fihom b'għadajjar tal-ilma u li kien asfalta l-Asfaltar Ltd,

75.03.09 Is-Sindku qalet illi hemm bżonn inġibu stima għal rapport (dwar l-*ispeed cameras*) fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.

75.03.10 Kopja ta' minuti tal-laqgħa li nżammet ma' **Heritage Malta** kienet mgħoddija permezz ta' *e-mail* mis-SE lill-kunsillieri.

75.03.11 Se tintalab l-għajnuna tal-Perit tal-Kunsill biex jiddiżinja (gazebo) huwa stess li fiha tkun akkomodata wkoll il-*book box.*

75.03.12 Charlene Zammit talbet li jkunu iddrittati l-kanni tat-tabelli tat-traffiku li hemm fi Triq tas-Sejba.

75.03.13 Grace Marie Mallia talbet li titwaħħal ***lampa tad-dawl tat-toroq*** ġdida fi Triq il-Madonna tal-Ġilju quddiem tal-*Frida Pet Shop* u possibilment ukoll *bus shelter.*

75.03.14 Charlene Zammit qalet illi kellha talba għal ***parking bays*** fi Triq is-Saljatura.

75.03.15 Grace Marie Mallia talbet illi jinqata' l-**ħaxix ħażin** minn Triq it-Torri Vincenti.

75.03.16 Is-Sindku infurmat lill-kunsillieri illi bagħtna ittra lill-Kummissarju tal-Artijiet dwar il-ftuħ tal-kumplament ta' **triq ġdida** mill-inħawi tal-appartamenti ta' Binja Ħarriġiet għal Triq Valletta.

75.03.17 Charlene Zammit qalet illi l-KLM hu interessat illi jiwettaq it-**tindif ta' art** fl-inħawi tal-ġibjun il-miftuħ.

75.03.18 Dwar il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ il-KLM bagħat ittra lill-għaqdiet kollha.

75.04 Kienu approvati t-tielet verżjoni tal-***Budget 2017*****, il-*****Business Plan 2017-2019*****, u l-*****Quarterly Financial Report (4 Qrt 2016)*** b'mod unanimu.

75.05 Il-KLM iddeċieda li jasfalta it-**toroq kollha rurali** indikati fuq is-site plan mis-SE

75.06 Il-Viċi Sindku tat rendikont tal**-laqgħa plenarja tal-AKL.**

75.08 Kienu approvati l-**pagamenti** murija fil-lista numru **528.**

75.09 Il-laqgħa li jmiss se ssir fis-6.00pm nhar it-28.3.17 filwaqt li din il-laqgħa intemmet fid-21.10pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 28.3.2017 minn Dr Charlene Zammit
Segretarju Ezekuttiv Sindku